**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 131

It-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023 fis-2:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

*** 8798. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

*** 8799. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu u jaħdmu fl-uffiċċju/i tal-kostitwenza?

16/05/2023

*** 8882. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Fid-dawl tal-fatt li l-art mogħtija lill-Arkivji Nazzjonali fl-2019 għall-proġett tal-Arkivji Nazzjonali qiegħda tiġi trasferita lura lill-Awtorità tal-Artijiet, jista’ l-Ministru jgħid jekk ingħatatx jew hemmx ħsieb li tingħata biċċa art oħra minflokha?

17/05/2023

*** 8883. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Peress illi madwar 1,500 metri kwadri mill-art li fl-2019 ingħatat lill-Arkivji Nazzjonali mhux se jkunu trasferiti lura flimkien mal-kumplament tal-art, jista’ l-Ministru jgħid x’se jkun l-użu għall-medda ta’ art li jifdal?

17/05/2023

* 8884. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kif se tkun qiegħda tintuża l-medda ta' art li qed tiġi trasferita mill-Arkivji Nazzjonali lura lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tintuża bħala parti mill-Proġett tal-Park Nazzjonali Ta' Qali?

17/05/2023

* 8885. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li tindika kemm hi l-popolazzjoni ta' kull lokalità fis-7 u fil-11-il Distrett Elettorali skont l-aħħar statistika li għandu l-Ministeru tiegħu jew l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, jiġifieri Ħaż-Żebbuġ (Malta), Ħad-Dingli, l-Imġarr, l-Imtarfa, ir-Rabat (Malta), il-Baħrija (Ir-Rabat, Malta), Tal-Virtù (Ir-Rabat, Malta), l-Imdina, Ħ'Attard, il-Mosta u Burmarrad (San Pawl il-Baħar)?

17/05/2023

* 9057. **L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema full-time li jgħallmu l-Edukazzjoni Fiżika jew xi sport ieħor fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport? Jista' l-Ministru jelenka l-għalliema, il-kwalifiki tagħhom u jgħid kemm-il lezzjoni għandhom b'mod individwali?

23/05/2023

* 9058. **L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet biex l-eżamijiet tal-O'Levels isiru fl-iskejjel rispettivi bħalma kien imwiegħed mill-Gvern?

23/05/2023

* 9059. **L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus sal-lum biex tinbena l-iskola tal-Imsida?

23/05/2023

* 9060. **L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8138 u jgħid jekk hemmx każijiet fejn biex issir il-manutenzjoni f'xi skejjel Statali, qed jinġabru fondi minn attivitajiet imtellgħin mill-iskejjel stess?

23/05/2023

***   9089.   L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA   staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu multi l-Malta Business Registry (MBR), xahar b'xahar, mill-2018 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija, u kemm tħallsu xahar b'xahar għall-istess perjodu?

24/05/2023

***   9114.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid min ħa d-deċiżjoni biex is-sit uffiċjali tal-Gvern (www.gov.mt) m'għadux juri l-ismijiet tal-membri appuntati mill-Gvern tal-aġenziji u bordijiet tal-Gvern?

24/05/2023

***   9115.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-press conference tal-ftuħ tal-proġett tal-Imsida?

24/05/2023

***   9116.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm ġiet tiswa l-press conference tal-ftuħ tal-proġett tal-Imsida?

24/05/2023

***   9117.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l Ministru jgħid kemm ġiet tiswa r-roundabout ta' quddiem il-Lidl fil Mosta? Jista' jgħid ukoll fiex kienet tikkonsisti n-nefqa tat-triq, inkluż ir-roundabout?

24/05/2023

***   9118.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l Ministru tgħid kemm ġiet tiswa r-roundabout ta' quddiem il-Lidl fil Mosta? Tista' tgħid ukoll fiex kienet tikkonsisti n-nefqa tat-triq, inkluż ir-roundabout?

24/05/2023

***   9119.   L-ONOR. IVAN BARTOLO   staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir bus stop fejn id-Dar tal-Providenza?

24/05/2023

***	9174.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet qed isiru jew huma previsti li jsiru fi Triq ix-Xatt, fix-Xgħajra, fil-parti magħrufa aħjar bħala Tal-Milord?

25/05/2023

***	9204.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9205.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9206.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9207.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9208.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9209.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta-Segretarju Parlamentari, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

25/05/2023

***	9214.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8385, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-Junior College li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

***	9215.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8386, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti tal-Higher Secondary li bbenefikaw mill-iskema ta' internet b'xejn għall-istudenti tal-iskejjel Post-Sekondarji fil-forma ta' voucher b'total ta' €300 u minn liema perjodu sa liema perjodu bbenefikaw minnha?

26/05/2023

***	9238.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi installata speed camera oħra fi Triq l-Imdina f'Ħal Qormi, fil-parti t'isfel tat-triq?

26/05/2023

***	9239.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi installata speed camera fi Triq il-Wied, f'Ħal Qormi?

26/05/2023

***	9240.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tiġi installata speed camera jew inkella hux se jittieħdu xi miżuri oħra minħabba sewqan perikoluż fi Triq San Bartolomew, f'Ħal Qormi, fil-parti quddiem il-Knisja parrokkjali ta' San Sebastjan?

26/05/2023

***	9249.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jagħti garanzija li l-ebda ħaddiem tad-Dwana mhu se jingħata transfer (sakemm mhux mitluba mill-ħaddiema stess) u jintbagħat jaħdem ma' dipartiment ieħor fi ħdan l-istess Ministeru?

29/05/2023

***	9259.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar hux qed tippjana biex matul il-kumplament tal-leġiżlatura toħroġ aktar skemi ta' amnestiji? Jekk iva, fiex inhu maħsub li jkunu jikkonsistu dawn l-amnestiji u min se jkun jista' japplika għalihom?

29/05/2023

***	9264.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għax-xogħlijiet li tlestew f'dawn l-aħħar xhur fi Triq Ta' Sannat (minn salib it-toroq sal-Pjazza Ta' Sannat), it-triq prinċipali li twassal għar-raħal Ta' Sannat, jista' l-Ministru jgħid kemm kienet ġiet awarded din it-tender u kemm kienet l-ispiża finali fuq din it-triq? Jista' jgħid ukoll min kien il-perit (isem u kunjom) inkarigat mix-xogħol li sar u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja taċ-ċertifikat tax-xogħol li sar fuq din il-parti tat-triq u li ġie rilaxxat mill-perit inkarigat? Jista' jgħid jekk sarux quality control tests u jekk iva, min għamilhom, meta saru u jqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid jekk sarux quantity surveyor reports fuq ix-xogħol li sar u jekk iva, min għamilhom, meta saru u jqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

29/05/2023

***	9265.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7570 u jgħid meta bdew id-diskussjonijiet u fiex waslu biex bejn il-Ministeru għal Għawdex u Transport Malta jiġi konkluż l-abbozz ta' ftehim bil-kondizzjonijiet/responsabbiltajiet rispettivi għall-immaniġġar tal-Fanal tal-Ġordan fl-Għasri biex il-binja storika tkun imħarsa u miżmuma tajjeb?

29/05/2023

* 9266. **L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4372, 6381 u 7410 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2543 dwar ix-xogħlijiet fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija, Għawdex, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija kollha kemm hi (intiera) u jgħid din l-estensjoni meta hu maħsub li tkun lesta minn kollox u tibda tintuża? Jista' jgħid ukoll meta nbeda x-xogħol fuqha?

29/05/2023

* 9267. **L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid liema parroċċi u istituzzjonijiet tal-Knisja f'Għawdex ingħataw kontribuzzjonijiet, għajnuna fi flus jew għajnuna oħra mill-Ministeru tiegħu, jew xi waħda mill-entitajiet li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu minn Jannar 2020 sal-lum?

29/05/2023

* 9268. **L-ONOR. CHRIS SAID** **staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7402 dwar l-entitajiet, dipartimenti jew awtoritajiet fid-dekasteru tiegħu li applikaw għal xi forma ta' fondi mill-Unjoni Ewropea matul is-snin 2021 u 2022, jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw fondi kull direttorat u entità fuq kull applikazzjoni u għal xiex ingħatat?

29/05/2023

* 9295. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8981 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8534 dwar il-kontroll tal-bagħal taż-żunżan, jista' l-Ministru jispeċifika n-numru sostanzjali ta' rġejjen li qabdu n-naħħala, maqsuma lokalità lokalità?

29/05/2023

* 9296. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8993 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8626 dwar bejgħ ta' proprjetà mill-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru, għal kull każ, jinforma lill-Kamra bin-numru/referenza tat-tender kif ukoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plan għal kull każ?

29/05/2023

* 9298. **L-ONOR. DARREN CARABOTT** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jagħti r-raġuni teknika u jgħid għalfejn is-sit elettroniku ma kienx qed jaħdem meta fetħet l-iskema tal-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek" nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, tant illi numru ta' periti ma setgħux jaċċessaw u jissottomettu l-applikazzjonijiet? Jista' wkoll jgħid għal kemm (f'terminu ta' ħin) dam mhux aċċessibbli dan is-sit?
30/05/2023

***	9299.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9160, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u jgħid liema hi l-awtorità responsabbli mill-manutenzjoni tal-lift ta' Bieb il-Belt? Jista' jgħid ukoll xi jrid isir u ma' min irid isir kuntatt f'każ ta' emerġenza?

30/05/2023

***	9300.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9016 u allura jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8008 u 8647, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rispettivament, u jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir xi xogħol ta' manutenzjoni jew restawr, jew kwalunkwe xogħlijiet oħrajn li bihom se jirripristinaw il-Fosos tal-Floriana? Jista' jgħid liema entità hi responsabbli għall-manutenzjoni tal-imsemmija Fosos tal-Floriana?

30/05/2023

***	9315.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

B’referenza għall-għeluq tad-Dar tal-Anzjani ta’ Bormla, jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema f’din id-Dar, kemm dawk impjegati mal-Gvern kif ukoll dawk mal-kuntrattur? Kemm ilhom jaħdmu f’din id-Dar? X’inhu l-grad tagħhom? Fejn se jkunu trasferiti dawn il-ħaddiema sakemm tkun magħluqa din id-Dar?

30/05/2023

***	9316.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

B’referenza għad-Dar tal-Anzjani ta’ Bormla jista’ l-Ministru jikkonferma li ħadd mill-ħaddiema, la dawk tal-kuntrattur u lanqas dawk tal-Gvern, mhuma se jitilfu x-xogħol tagħhom?

30/05/2023

***	9317.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm sodod vojta fid-Dar tal-Anzjani ta’ Bormla sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/05/2023

***	9318.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm sodod vojta fid-djar kollha tal-anzjani f’Malta, kemm dawk tal-Gvern kif ukoll sodod amministrati mill-Gvern fi djar privati jew tal-knisja, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jagħti r-risposta tiegħu dar b’dar ?

30/05/2023

* 9319. **L-ONOR. BERNICE BONELLO** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid il-kuntrattur/i li se jagħmel/ jagħmlu x-xogħol ta' rinovar fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla jekk hux diġà ġie magħżul jew le? Jekk ġie magħżul, kif ġie magħżul? Jekk għadu ma ġiex magħżul, f'liema stadju wasal il-proċess tal-għażla?

30/05/2023

* 9320. **L-ONOR. BERNICE BONELLO** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm sodod bħalissa fid-Dar tal-Anzjani ta' Bormla u f'kemm kmamar jinsabu dawn is-sodod?

30/05/2023

* 9329. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8901 u jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

30/05/2023

* 9348. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid kemm enforcement notices ġewwa San Ġiljan kienu segwiti u ttieħdu l-passi meħtieġa mill-2013 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jagħti l-lista ta' liema kienu dawn l-azzjonijiet ta' infurzar?

30/05/2023

* 9349. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9085, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni skont il-lokalità, hekk kif mitlub fl-istess mistoqsija? Jista' wkoll iwieġeb din il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid kemm kienu Maltin u barranin u kemm kienu dawk li tħarrku mill-pulizija li waqt li kienu qed isuqu l-vetturi tagħhom, kienu taħt l-effett tal-kannabis?

30/05/2023

* 9350. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9012, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jkun hemm manutenzjoni tas-sodda/pedamenti tal-istess promenade fejn partijiet minnu qegħdin jiġġarrfu?

30/05/2023

***	9351.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8986 u jgħid kemm iddaħħlu persuni l-isptar isofru minn asthma mill-2013 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-età tagħhom u minn liema reġjuni kienu ġejjin?

30/05/2023

***	9352.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8816 dwar ċentru komunitarju għas-saħħa viċin Ta' Giorni, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslu t-taħdidiet u meta nżammet l-aħħar laqgħa mal-kunsill fuq dan is-suġġett?

30/05/2023

***	9363.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jipprovdi t-timelog tal-applikazzjonijiet li ġew sottomessi fl-iskema li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek", liema skema fetħet nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, fl-ewwel tliet sigħat li fetħet? F'liema ħin il-fondi tal-iskema ġew allokati kollha proviżorjament?

31/05/2023

***	9380.	L-ONOR. DARREN CARABOTT	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jipprovdi l-lista ta' dawk li rnexxielhom jissottomettu applikazzjoni sabiex jikkwalifikaw għall-fondi mill-iskema li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar bl-isem "Irrestawra Darek" li fetħet nhar it-30 ta' Mejju 2023 f'nofsinhar, u jipprovdi rendikont spjegat, fl-ordni skont kif ġew sottomessi, ta' min kien il-Perit sottomettenti, f'liema lokalità tinsab il-proprjetà, il-ħin li ġiet sottomessa, u l-istatus tal-applikazzjoni fiex qiegħda, ċjoè jekk ġietx aċċettata jew qiegħda fuq il-waiting list jew rifjutata?

31/05/2023

***	9385.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8996 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell primarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

31/05/2023

***	9386.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9176 u jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel, u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li rriżenjaw mill-impjieg tagħhom, matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

31/05/2023

* 9394. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 9139, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha u jgħid fejn jinsabu ċ-Ċentri S.T.E.A.M.? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'kull ċentru?

31/05/2023

* 9395. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9183, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-talba għal żewġ zebra crossings ġodda fi Triq it-Trunċiera hekk kif imsemmija fl-istess tweġiba? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra wkoll kopja tas-site plan ta' fejn intalbu l-istess crossings?

31/05/2023

* 9402. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti l-ġodda tar-rikostruzzjoni ta' Triq Leli Falzon, fin-Naxxar?

31/05/2023

* 9414. **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irkantati u scrapped vetturi mill-compound ta' Transport Malta fejn jinżammu karozzi li jinġabru mit-triq minħabba ksur ta' liġi, minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid jekk dan il-compound illum għandux spazju fejn jinżammuiżjed vetturi?

31/05/2023

* 9415. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jara li l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' Santa Ubaldeska, f'Raħal Ġdid, isir tul din is-sena u jekk le, jgħid għaliex ma jistax isir?

31/05/2023

* 9416. **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8491 dwar xogħlijiet fil-post li d-dettalji dwaru ntbagħtu separatament, jista' l-Ministru jitlob verifika mill-ġdid għax jidher li parti mix-xogħol li kellu jsir għadu mhux lest?

31/05/2023

*** 9417. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema fid-Dipartiment tal-Probation u Parole sal-aħħar ta' Mejju 2023 u jekk hemmx il-ħsieb li jiġu ingaġġati persuni oħra?

31/05/2023

*** 9418. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm deheb depożitat taħt l-iskema ta' rahan f'idejn il-Gvern fil-Monte di Pietà sal-aħħar ta' Diċembru 2022? Jista' jindika wkoll l-eqdem rahan li ngħata u li għadu veljanti u ma ngħabarx sal-aħħar ta' Diċembru 2022?

31/05/2023

*** 9419. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8713, jista' l-Ministru jgħid fiex jinsabu n-negozjati u ċjoè jekk humiex fi stadju avvanzat u allura kemm qiegħed jiġi previst li se jdumu biex jiġu konklużi?

31/05/2023

*** 9435. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm għandu ftehimiet kollettivi skaduti u jelenka l-postijiet rispettivi fejn huma pendenti?

31/05/2023

*** 9436. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ilhom li skadew il-ftehimiet kollettivi u jelenkahom individwalment?

31/05/2023

*** 9437. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jelenka l-ftehimiet kollettivi skaduti? Jista' jgħid kemm ilhom skaduti u kemm ilhom jiġu diskussi?

31/05/2023

*** 9438. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid ma' liema unions/assoċjazzjonijiet qed jiġu diskussi l-ftehimiet kollettivi skaduti u għal kemm żmien ilhom jiġu diskussi?
31/05/2023

***  9439.  L-ONOR. IVAN CASTILLO  staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jelenka ż-żieda fil-paga (perċentwal) għal kull ftehim kollettiv iffinalizzat matul is-sena 2021 u s-sena 2022?

31/05/2023

***  9454.  L-ONOR. IAN VASSALLO  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8836 u jgħid jekk ir-rivista *Sagħtar* tinxtarax mill-Ministeru direttament mingħand il-Fondazzjoni Sagħtar? Jekk iva, jista’ jgħid kemm hi n-nefqa u jekk tinxtarax b’direct order?

01/06/2023

***  9467.  L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG  staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jgħid għaliex l-inkjesta maġisterjali dwar il-mewt traġika ta’ missier ta’ żewġt ulied, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, li waqa’ tliet sulari mit-torri li qed jinbena mill-iżviluppatur li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, ġewwa l-Gżira għadha ma nfetħietx minkejja li din it-traġedja ilha li seħħet? Jista’ jgħid għaliex dan id-dewmien  u meta jaħseb li ser tingħalaq din l-inkjesta?

01/06/2023

***  9484.  L-ONOR. DARREN CARABOTT  staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista’ l-Prim Ministru jipprovdi lista u jgħid min huma l-persuni impjegati fis-Settur Pubbliku li jinsabu sospiżi mix-xogħol u għadhom jitħallsu? Jista’ jgħid ukoll kemm hu s-salarju tagħhom preżentement, kemm ilhom sospiżi mix-xogħol u f’liema sezzjoni pubblika jaħdmu? Jista’ l-Ministru jgħid x’kienet ir-raġuni għalfejn qegħdin sospiżi mix-xogħol?

01/06/2023

***  9488.  L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT  staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-isponsorships kollha li tat l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob (MGA) minn Jannar 2021 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jgħid lil min ingħataw (isem tal-kumpanija jew individwu), u kemm kien l-ammont?

02/06/2023

***  9491.  L-ONOR. STANLEY ZAMMIT  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għas-sejħa pubblika ta’ ‘Headship Positions’ li ħarġet fit-28 ta’ Ottubru 2022 bin-numru taċ-ċirkolari 16/2022, jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm u jekk kien hemm, kemm kien hemm kandidati ineleġibbli għall-ħatra ta’ pożizzjoni ta’ Direttur jew Kap fid-direttorati u/jew units fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni? Jista' jikkonferma jew le, li kull ħatra li saret,

il-kandidati kienu eleġibbli skont l-Appendiċi ‘A’ u ‘B’ tal-istess sejħa u li kellhom l-aħjar kriterji fuq xiex sussegwentement intgħażlu?

02/06/2023

*** 9492. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għas-sejħa pubblika ta’ ‘Headship Positions’ li ħarġet fit-28 ta’ Ottubru 2022 bin-numru taċ-ċirkolari 16/2022, jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm kandidati li kienu jissodisfaw il-kriterji meħtieġa u ma saritilhomx l-intervista personali?

02/06/2023

*** 9493. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista eżawrjenti tal-applikazzjonijiet kollha, inkluż dawk fil-waiting list, illi l-Awtorità tal-Ippjanar irċeviet fl-aħħar sejħa tal-Iskema “Irrestawra Darek” illi turi mhux biss in-numru tal-applikazzjoni, il-Perit li applika f'isem il-klijent u l-Kunsill Lokali, imma wkoll it-timestamp ta' meta l-applikazzjoni rreġistrat ruħha fis-sistema?

02/06/2023

*** 9494. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Urban Development Capacity Study li fir-Rapport Annwali tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2022 (pg. 9) huwa rrapportat li tlesta?

02/06/2023

*** 9495. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7761, jista' l-Ministru jgħid liema hi u fiex tikkonsisti l-proċedura stabbilita li tintuża f’każijiet fejn jinstab żvilupp li mhux kopert b’permess ta’ żvilupp?

02/06/2023

*** 9496. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

B'referenza għas-sejħa pubblika ta’ ‘Headship Positions’ li ħarġet fit-28 ta’ Ottubru 2022 bin-numru taċ-ċirkolari 16/2022, jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm każijiet diretti jew indiretti ta’ kunflitt ta’ interess marbutin mal-għażla tal-kandidati għal din is-sejħa?

02/06/2023

## MOZZJONIJIET

**115. IL-MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET, l-Onor. Silvio Schembri, jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-rizoluzzjoni:

Billi hija 1-politika tal-Gvern li jippromwovi lin-negozji u lill-industriji jikbru, u javvanzaw fis-suq Malti u internazzjonali, sabiex permezz tagħhom jinħolqu 1-impjiegi għal diversi ċittadini u jiġi ġġenerat ġid ekonomiku li jkun ta' sostenn u kontribut għall-ekonomija Maltija.

Illi Cortis Group of Companies tħaddan diversi kumpaniji affiljati. Illi waħda minn dawn il-kumpaniji hija s-Central Business Centres p.l.c. (CBC plc), Din il-kumpanija ġiet stabbilità prinċipalment sabiex tiffaċilita l-finanzjament tal-proġetti fil-proprjetà tal-Cortis Group of Companies.

Illi CBC plc kisbet permess ta' żvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar b'referenza PA/01292/19 sabiex fis-sit magħruf bħala SMW Cortis Building fi Triq l-Imdina k/m, Triq Ħ'Attard f'Ħaż Żebbuġ twaqqa' 1-istrutturi kollha eżistenti, tħaffer 1-art sabiex tikkreja ġibjuni, strutturi taħt il-livell tat-triq għall-użu kummerċjali (Klassi 4B) u industrija żgħira (Klassi 5A), spazju ta' parkeġġ taħt il-livell tat-triq, spazju ta' parkeġġ fil-livell tat-triq u supermarket fil-livell tat-triq.

Illi 1-kumpanija Cortis Timber & Wood Products Ltd ukoll tagħmel parti minn Cortis Group of Companies. Cortis Timber & Wood Products Ltd. preżentement tikri l-bini eżistenti mingħand CBC plc għall-operat tagħha. Ladarba jkun konkluż il-proġett propost, Cortis Timber & Wood Products Ltd. ser tirreloka sabiex topera mill-bini propost, taħt il-livell tat-triq kif approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-permess PA/01292/19 filwaqt li ser tkun qed topera s-supermarket fil-livell tat-triq.

U billi parti mill-art li fuqha nħareġ il-permess PA/01292/19 tikkonsisti f'art tal-Gvern, liema art hija triq li llum m'għadhiex tintuża bħala triq pubblika, CBC plc jirrikjedu li jakkwistaw titolu fuq din 1-art sabiex ikollhom aċċess adegwat u li jkunu jistgħu jesegwixxu 1-permess approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar PA/01292/19.

U billi 1-Cortis Group of Companies bis-saħħa ta' CBC plc qed tipproġetta li Cortis Timber & Wood Products Ltd ser iżżid 1-impjegati tagħha billi timpjega diversi ħaddiema addizzjonali ma' dawk li diġà għandha u li s-supermarket ser jimpjega tal-inqas tletin ħaddiem li jvarjaw minn kaxxiera, staff maniġerjali u oħrajn u dawn flimkien ma' impjegati addizzjonali biex jaħdmu magħhom fl-imħażen tagħhom f'Ħal Qormi.

Billi wara li ġew ikkunsidrati 1-benefiċċji ekonomiċi li tali żvilupp ser jġib, iż-żieda flimpjiegi u li dan 1-iżvilupp għandu jkun ħolqa oħra fil-katina ekonomika Maltija, l-Awtorità tal-Artijiet ikkunsidrat li huwa ġustifikabbli li jsir trasferiment ta' art fi Triq l-lmdina f'Ħaż-Żebbuġ b'qies ta' 1,366 m2 murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. No.: 2022 0268 A lill-Central Business Centres p.l.c. għall-proġett propost skont il-permess ta' żvilupp PA/01292/19.

Illi I-Awtorità tal-Artijiet tikkonsidra li dan it-trasferiment għandu jkun b'konċessjoni enfitewtika temporanja ta' 65 sena b'ċens ta' €39,800 fis-sena rivedibbli kull 10 snin abbażi tal-indiċi tal-inflazzjoni jew 10% taċ-ċens pro tempore, skont liema jkun l-ogħla.

Illi huwa propost li din l-għotja enfitewtika tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet li:

a) l-art mogħtija tintuża bħala triq t'aċċesss u għal ċirkulazzjoni flimkien mal-bżonnijiet ançillari tal-iżvilupp propost kif approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-permess PA/01292/19;
b) li t-trasferiment propost ma jinkludix passaġġ pubbliku, liberu bla ingombru ta' metru u għoxrin ċentimetru (l.2m) madwar il-mitħna adjaċenti proprjetà tal-Gvern hekk kif muri fil-porzjon ikkulurit b'sinjali suwed fuq il-pjanta P.D. No.: 2022_0268_A;
c) li jitħalla s-servitù eżistenti 3m wisa' mil-livell tat-triq 'il fuq għall-ventilazzjoni tal-mitħna adjaċenti. L-arja tas-servitù hi mmarkata bil-kulur blu fil-pjanta P.D. No.: 2022 0268 A u tinkludi l-passaġġ deskritt f'punt b) hawn fuq, u;
d) li jitħalla dritt t'aċċess u passaġġ liberu għall-vetturi ta' kull qies u daqs, f'kull ħin, b'ebda ħlas, minn u għal kull punt tas-sit immarkat bis-sinjali suwed fil-parti mmarkata blu fuq il-pjanta P.D. No.: 2022_0268_A mill-art murija bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. No.: 2022_0268_A.

U billi fl-artiklu 31, sub-artiklu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) huwa maħsub li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment.

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi jsir trasferiment lil Central Business Centres p.l.c. tal-art tal-kejl ta' 1,366$m^2$ fi Triq l-Imdina f'Ħaż-Żebbuġ murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. No.: 2022_0268_A skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness.

22.02.2023

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 53 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

2. Abbozz Nru 35 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija – Tieni Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

3. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

4. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

5. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

6. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

7. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

8. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

9. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

10. Abbozz Nru 47 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

11. Abbozz Nru 50 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura – Tieni Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

12. Abbozz Nru 56 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Tieni Qari – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

13. Abbozz Nru 57 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

14. Abbozz Nru 58 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Forrnituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

15. Abbozz 59 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

16. Abbozz Nru 37 – Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

17. Abbozz Nru 51 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tielet Qari – Ministru għall-Ġustizzja

18. Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol – Votazzjoni

19. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet – Votazzjoni

20. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 – Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa – Votazzjoni

21. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjoni

22. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża – Votazzjoni

23. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affaordabbli – Votazzjoni

24. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għat-Turiżmu – Votazzjoni

25. Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Votazzjoni

26. Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjoni

27. Mozzjoni 134 – Mozzjoni għat-Trasferiment ta' proprjetà fis-sit tal-Ex Edible Oil – Votazzjoni

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**5 ta' Ġunju 2023**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI AĠĠUNT

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt se jiltaqa'nhar it-**Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Abbozz Nru 55 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 13 ta' Ġunju 2023, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Abbozz Nru 28 – Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 43 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**5 ta' Ġunju 2023**